# EMR4 GĦAJNUNA TA' MALAJR GĦALL-OPERATUR

Avviż: Dan il-manwal huwa traduzzjoni - il-manwal oriġinali huwa bl-Ingliż.




Printer controls




## BIEX TWETTAQ DISTRIBUZZJONI

1. Mur fuq il-printer u agħfas il-buttuna RELEASE fuq il-printer EPSON*, u mbagħad daħħal biljett vojt fil-printer sakemm il-bozza ta' PAPER OUT tintefa. Agħfas il-buttuna tal-printer FORWARD biex tingaġġa l-biljett (jekk il-biljett ikun ingaġġat kif xieraq, il-bozza RELEASE tintefa).
2. Mur fuq l-EMR4 u agħfas il-buttuna FINISH biex tbattal id-displej tal-ammont ta' distribuzzjoni preċedenti. Issa għandek tara żerojiet fil-parti tar-reġistru (il-linja ta' taħt) tad-displej.
3. Sabiex tibda d-distribuzzjoni, agħfas il-buttuna START fuq l-EMR4. Is-simbolu taż-żennuna jidher fuq nett fuq ix-xellug tad-displej u jindika li tista' tamministra l-fjuwil. Jekk ikunu qed jintużaw prodotti multipli, agħżel Prodott billi tuża l-vleġeġ u agħfas ENTER.
4. Ikkonnettja l-pajp flessibbli tal-amministrazzjoni mal-pajp tal-mili tal-konsumatur u amministra l-fjuwil. Nota: Ladarba tibda timla t-tank u tieqaf tamministra għal aktar minn 3 minuti, id-distribuzzjoni tittermina b'mod awtomatiku u l-EMR4 tipprintja biljett tad-distribuzzjoni għall-ammont li tkun amministrajt qabel waqaft.
5. Wara li timla t-tank, mur lura għall-EMR4 u agħfas il-buttuna FINISH. Il-biljett se jiġi pprintjat b'mod awtomatiku. Is-simbolu tal-printer maġenb is-simbolu taż-żennuna tad-displej jibda jteptep meta l-biljett ikun qed jiġi pprintjat.
6. Agħfas il-buttuna RELEASE fuq il-printer u neħħi l-biljett tad-distribuzzjoni.

## BIEX TAGĦMEL BILJETT IDDUPPLIKAT

1. Mur fuq il-printer u agħfas il-buttuna RELEASE fuq il-printer EPSON*, u mbagħad daħħal biljett vojt fil-printer sakemm il-bozza ta' PAPER OUT tintefa. Agħfas il-buttuna tal-printer FORWARD biex tingaġġa l-biljett (jekk il-biljett ikun ingaġġat kif xieraq, il-bozza RELEASE tintefa).
2. Fuq l-EMR4, għandek tara l-ammont li tkun daħħalt fil-parti tar-reġistru - jekk le, agħfas il-buttuna FINISH għal darb'oħra. Bl-ammont li tkun daħħalt viżibbli fil-parti tar-reġistru, agħfas u żomm il-buttuna FINISH għal 3 sekondi u mbagħad itlaqha.
3. Ladarba l-printer tkun issettjata, agħfas il-buttuna RELEASE fuq il-printer u neħħi l-biljett.

*Ara l-manwal 577014-350 għal printers minbarra printers Epson tat-tip slip.

## DISTRIBUZZJONIJIET MULTIPLI

1. Agħfas u żomm il-buttuna START sakemm is-simbolu tat-tankijiet multipli u s-simbolu taż-żennuna t-tnejn jidhru fuq id-displej tal-EMR4. Nota: iż-żmien ta' waqfien ta' 3 minuti jiġi diżattivat għal distribuzzjonijiet multipli.
2. Ibda amministra l-fjuwil f'tank 1.
3. Agħfas il-buttuna START u ibda amministra l-fjuwil f'tank 2. Kompli imla l-bqija tat-tankijiet, filwaqt li ma tinsiex tagħfas START qabel ma timla kull wieħed minnhom.
4. Wara li timla l-aħħar tank mur lura għal EMR4 u agħfas il-buttuna FINISH. Il-biljett se jiġi pprintjat b'mod awtomatiku. Is-simbolu tal-printer fuq id-displej se jixgħel meta l-biljett ikun qed jiġi pprintjat.
5. Agħfas il-buttuna RELEASE fuq il-printer u neħħi l-biljett tad-distribuzzjoni. Il-biljett se jkun immarkat Biljett ta' Sommarju fejn il-Volum Gross huwa l-volum totali amministrat fit-tankijiet kollha.

## DISTRIBUZZJONI ISSETTJATA MINN QABEL

1. Sabiex tuża distribuzzjoni ssettjata minn qabel, agħfas il-buttuna PRESET u PRESET GALLONS tidher minflok GALLONS fil-parti tad-deskrittur.
2. Agħfas il-buttuna NEXT, u CHANGE PRESET tidher minflok PRESET GALLONS.
3. Agħfas il-buttuni 'l fuq (+) u 'l isfel (-) sabiex turi preset ipprogrammata, jew uża l-buttuna NEXT biex iċċaqlaq il-kerser taħt numru fl-ammont tal-present li tixtieq tibdel. Agħfas il-buttuni 'l fuq (+) u 'l isfel (-) biex tagħżel numru ieħor. Irrepeti dan il-proċess sakemm ikollok l-ammont tal-preset korrett fil-parti tal-preset. Agħfas il-buttuna ENTER biex taċċetta l-ammont tal-preset il-ġdid.
4. Agħfas il-buttuna START fuq l-EMR4. Is-simbolu taż-żennuna jidher fuq nett fuq ix-xellug tad-displej u jindika li tista' tamministra l-fjuwil.
5. Ibda amministra l-fjuwil. Hekk kif in-numru fil-parti tal-preset jibda nieżel, l-ammont amministrat fil-parti tar-reġistru jibda jiżdied. Is-sistema se tnaqqas ir-rata li biha taħdem b'mod awtomatiku diversi galluni qabel ma tilħaq l-ammont issettjat minn qabel u mbagħad tieqaf meta l-ammont issettjat minn qabel ikun ġie amministrat.

## PROBLEMI KOMUNI U SOLUZZJONIJIET

1. Tagħfas il-buttuna START iżda ma tkunx tista' tamministra l-fjuwil.
   - Agħfas il-buttuna FINISH biex tbattal id-displej (għal żerojiet biss), u mbagħad agħfas START, jew
   - Is-simbolu tal-Printer qed iteptep - neħħi l-biljett preċedenti, daħħal biljett vojt.
2. Il-printer ma tridx tipprintja.
   - Iċċekkja biex tara li l-biljett ikun ġie mdaħħal kif xieraq u li l-bozoz ta' PAPER OUT u RELEASE ikunu mitfijin, jew
   - Kun żgur li l-printer tkun mixgħula - ixgħel/itfi s-swiċċ mal-ġenb tal-printer, jew
   - Kun żgur li l-kejbils ikunu mqabbda mal-printer.
3. Fuq l-iskrin tad-displej tal-EMR4 ma jidher xejn
   - Agħfas il-buttuna FINISH jew MODE biex "tixgħel" id-displej.



VEEDER-ROOT

©2018 Veeder-Root Id-Drittijiet Kollha Riżervati.
MALTESE